MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 316/2014

Appell Nru: 316/2014

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Paolo Azzopardi

Illum 26 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Paolo Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 137854M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-14 ta' April, 2014, ghall-habta ta' 12:20pm u fil-granet ta' qabel gewwa l-fond 'St.Paul', Tas-Salib Limiti tar-Rabat:

1. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-awotrita' kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u minghajr ma kellu l-permessi jew certifikati mill-awtorita' kompetenti saviex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.
2. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi stat membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-direttiva tal-kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur kien migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 bi ksur ta' regolament 4 (1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.D. 504.71.

Il-Qorti hija mitluba li barra li taghti l-piena skond il-Ligi, tornda l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-25 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006, L.S. 504.71 u 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006, L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-15 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tħassar** u **tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u konsegwentement tinfliġġi piena li hija ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti u għalhekk l-esponent qed jinterponi appell *ai termini* ta' regolament 27(5) ta' L.S. 504.71 u artiklu 94(6) ta' Kapitlu 504 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti hija ma setgħetx ma ssibx ħtija fl-appellat Paolo Azzopardi għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih. Dan għaliex bħala stat ta' fatt, hekk kif jixhdu anke l-affidavits ta' PS 1030 Clinton Theuma u PC 106 C. Abela li huma esebiti a fol. 5 *et seq.* tal-atti proċesswali u anke r-ritratti tal-pitiross li huma esebiti a fol. 6 tal-atti proċesswali, il-pitiross protett kien fil-pussess ta' Paolo Azzopardi meta saritlu spezzjoni fil-garaxx tar-residenza tiegħu. *Di piu'*, meta l-appellat tela' jixhed huwa xehed kif dan il-pitiross protett kien ilu għandu minn tal-inqas erbatax-il (14) sena. Prova inekwivoka aħjar minn hekk li ħarget minn fomm l-appellat li kellu fil-pussess tiegħu dan il-pitiross protett żgur li wieħed ma setax ikollu! *Di piu'*, minkejja li l-appellat kellu l-pussess illegali ta' dan il-pitiross protett għal tul ta' żmien konsiderevoli kif diġa' ingħad, huwa bl-ebda mod ma ddikjara u rreġistra mal-awtorita' kompetenti sal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u konsegwentement ma kellux il-permessi jew ċertifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex iżomm il-pitiross protett. L-ebda prova ma nġabet mill-appellat f'dan ir-rigward hekk li din il-prova tinkombi fuqu. Għalhekk, wieħed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal-liberatorja tal-appellat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni meta bl-iktar mod ċar hija għamlet apprezzament ħazin tal-provi prodotti quddiemha stante li b'mod ċar irriżulta li l-appellat ma kkonformax ruħu mad-dettami ta' regolament 4(1)(e) ta' Avviż Legali 79 tal-2006 hekk li huwa bħala stat ta' fatt kellu fil-pussess tiegħu pitiross protett;

Illi għar-rigward tat-tieni imputazzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx ma ssibx ħtija fil-konfront tal-appellat Paolo Azzopardi. Hekk kif diġa' ingħad għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-fatt li l-appellat kellu fil-pussess tiegħu pitiross protett ġie ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni mill-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. *Di piu'*, il-pitiross protett ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn kien jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor, u l-pitiross protett ma kienx miġjub f'Malta wara l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004). L-appellat bl-ebda mod ma seta' jressaq prova f'dan ir-rigward stante li b'mod inekwivoku xehed li l-pitiross protett kien ilu għandu minn tal-inqas erbatax-il (14) sena u għalhekk l-imsemmi pitiross żgur li ma kienx miġjub f'Malta wara l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004). Għalhekk, anke b'mod simili għall-ewwel imputazzjoni, wieħed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal-liberatorja tal-appellat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hekk li bl-iktar mod ċar hija għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti quddiemha stante li b'mod ċar irriżulta li l-appellat ma kkonformax ruħu mad-dettami ta' regolament 4(1)(f) ta' Avviż Legali 79 tal-2006 hekk li huwa bħala stat ta' fatt kellu fil-pussess tiegħu pitiross protett;

Illi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ġie argumentat mid-difiża li l-appellat ma għandux jinstab ħati hekk li l-pitiross protett kien miżmum minnu qabel il-promulgazzjoni tal-liġi li tipprojbixxi li wieħed ikollu fil-pussess tiegħu għasafar protetti. Bir-rispett kollu, dan l-argument ma jreġix. Dan għaliex regolamenti 4(1)(e) u 4(1)(f) ta' Avviż Legali 79 tal-2006 jipprojbixxu l-pussess ta' għasar protetti, f'dan il-każ pitiross. Konsegwentement, meta wieħed ikollu fil-pussess tiegħu għasfur protett, bħalma ġara fil-każ *de quo*, ikun hemm ir-reat ikkunsmat u allura wieħed għandu jinstab ħati ta' dak ir-reat. Wieħed ma jinstabx ħati taħt dawn ir-regolamenti jekk wieħed jirnexxilu jipprova li kien iddikjara jew irreġistra l-għasfur protett mal-awtorita' kompetenti sal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u konsegwentement kellu l-permessi jew ċertifikati metħieġa minn tali awtorita' sabiex

iżomm għasfur protett, jew li l-għasfur protett ittieħed jew inqabad fi Stat Membru ieħor li jippermetti dan u li dan l-għasfur kien miġjub f'Malta wara l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004). Paolo Azzopardi ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-erbatax (14) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) ghal habta ta' nofsinhar u ghoxrin (12.20 p.m.) il-pulizija kienu qed jaghmlu spezzjoni gewwa l-fond Saint Paul, Tas-Salib, limiti tar-Rabat u hemmhekk osservaw pitirross go gagga. Dan il-fond kien jappartjeni lill-appellat Paolo Azzopardi u ghalhekk gie mixli bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) l-ewwel Qorti illiberat lill-appellat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. Izda l-Avukat Generali appella minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u kellha minflok issib htija.

Ikkunsidrat:

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet tali apprezzament u ssib illi l-ewwel Qorti kienet ragjonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha. Emmnet il-verzjoni tal-appellat kif kellha kull dritt li taghmel wara illi irriferiet ghall-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------